# GĦAŻLA TA' QARI LEĠĠER

Għal dawn iż-żminijiet tal-Milied qed nippreżentalkom għażla ta' qari leġġer. Qari li jagħti gost udjenzi differenti mingħajr forsi ma jiskomodana jew joffrilna aktar sfidi. Forsi din l-eċċezzjoni se nagħmilha ftit għall-ktieb "Ejja nsajru poeżija" ta' Trevor Żahra minħabba li t-tfal ċkejknin, iva forsi se jħabblu ftit aktar moħħhom, u dan huwa l-iskop. Iżda r-rumanz ta' Alfred Massa "L-Art xitwija" huwa miktub b'mod mexxej ħafna. Anke dawk li jippreferu ftit aktar qari impenjat, donnu f'dawn il-ġranet, li minbarra l-ispirtu tal-Milied għal ħafna jfissru wkoll ftit ħin ta' mistrieħ, jaf jagħżlu dik ix-xi ħaġa differenti.

F'isem din il-Paġna Letterarja ta' dan il-ġurnal li għandu tant għal qalbu l-letteratura, nawgura lilkom qarrejja Milied hieni u sena mimlija risq u sliem.

### "Ejja nsajru poeżija" ta' Trevor Żahra

Aktar ma naħseb li l-kompetenza tiegħi hija aktar b'saħħitha fl-analiżi ta' kotba tat-tfal milli f'dik ta' ġeneri letterarji oħra, emmnuni aktar insib diffikultà meta niġi biex nikkummenta dwar ktieb bħal dan. Kif jista' jkun f'dan l-ispazju nispjega l-ġmiel ta' ktieb bħal dan li jibda mill-kopertina u jasal sal-vrus ta' Trevor Żahra sakemm ma nwassalx dan il-ktieb f'idejn it-tfal u l-familji tagħhom? X'jiswa li nikkwota awturi, akkademiċi li jitkellmu ngħidu aħna dwar kif għandhom isiru l-illustrazzjonijiet u l-importanza li jkunu marbutin mat-test, jekk ma tqallbux il-folji ta' dan il-ktieb u taraw kif il-pubblikaturi Merlin għamlu dan b'attenzjoni kbira? L-istess ħaġa ngħid għal riċerki li jitkellmu dwar il-multidirezzjonalità kif ukoll effetti oħra bħal ittri kuluriti. U hawn ukoll se naraw kuluriti ngħidu aħna f'poeżija minnhom fejn l-awtur jixtieq jenfasizza l-konsonanti fost oħrajn.




F'dan l-ispazju limitat iżda se nelenka ftit aspetti li vera laqtuni.

#### Il-kitba ta' Trevor Żahra

Trevor huwa kif sejħulu fil-mezzi soċjali leġġenda. Ħoloq il-karattri li sawru tfulitna. Il-kobor ta' Trevor huwa mhux biss fil-kreattività bla limitu iżda wkoll fil-mod kif iħaddem il-Malti bl-aktar mod naturali. Minħabba li dan huwa awtur daqstant stabbilit, daqstant għal qalb il-Maltin, f'dan l-artiklu qed insejjaħlu bl-ewwel isem tiegħu, Trevor. Trevor l-awtur ta' kotba tal-kbar, imma ma nkunx qed niżbalja jekk insejjaħlu wkoll l-awtur tant għal qalb it-tfal Maltin.

#### Il-kreattività tat-tfal

B'mod maħsub, mhux qed insejħilha l-apprezzament tal-poeżija. Imma iva, kemm minna l-adulti ġieli nilmentaw li forsi ddejjaqna l-poeżija minħabba l-mod kif ġagħluna nistudjawha? Fl-istess ħin ukoll kemm minna għadna niftakru xi poeżija ħelwa li kellna fil-kotba tagħna? U propju f'dan il-ktieb dak li qed insibu: Poeżija ħelwa u adattata għat-tfal. Ma ninsewx li l-kreattività hija waħda mil-ħiliet ta-seklu 21 u huwa kruċjali li nrawmu lil uliedna sabiex jilħqu din il-kompetenza sa miċ-ċokon.

#### Xogħlijiet u tagħrif ġenerali

Il-ħajjat kuljum bl-għajjat
Il-baħri sab baħrija,
Il-ħaddied ma jrid jaf b'ħadd,
In-nutar tar bħal gawwija.
(Xogħlijiet p.6)

Jew
Il-kuluri tal-qawsalla fil-poeżija "Il-Qawsalla tiegħi" (p.12)
Jew
It-Tombla u l-laqmijiet tan-numri (p.16)

#### Ħinijiet

Kemm iħawduhom kultant il-ħinijiet lil uliedna! Dak l-imbierek arloġġ li mhux daqshekk faċli li jifhmu! U hawn Trevor ħaseb għal dan ukoll. Ngħidu aħna:

Fis-siegħa faqqas dudu
U beda jduq il-weraq
U tant gerrem u tħanżer
Li f'salt kien għoddu xeraq
(Fis-siegħa faqqas dudu, p.10)

#### Grammatika

Meta nitkellmu mal-għalliema tista' tgħid li hemm qbil li wliedna jridu jilħqu ċerta ħiliet bħalma semmejt. U m'hemm ebda dubju li l-għalliema kollha jfittxu li jħejju l-aktar lezzjonijiet interessanti għal uliedna. Imma fit-tagħlim tal-lingwi jaraw kif se jżewqu l-grammatika li tant hija meħtieġa biex niktbu tajjeb. U ovvjament huwa dan li jiddistingwi tagħlim ta' lingwa mit-taħdit għal dik fuq livell ieħor li tinkiteb b'mod tajjeb. Dan huwa maħsub ukoll f'dan il-ktieb. Insibu fost oħrajn tagħlim tal-konsonanti, eżempju:

Ir-Riġel tar-Raġel
It-Tifel tat-Tafal
It-Torok tat-Tarek
Il-Bolol bla Balal.

#### Kitba tal-poeżija

Fl-aħħar mill-aħħar dan il-ktieb ukoll "jgħallem" dwar kif tinkiteb il-poeżija. Nixtieq immewwet ftit l-enfasi fuq jgħallem biex ma niftiehemx li dan il-ktieb huwa wieħed li joqtol il-gost tal-qari. Imma kultant ma nirrealizzawx kemm isir tagħlim meta t-tfal jieħdu gost.

Tiftakruha Nixxiegħa ta' Ġorġ Zammit, poeżija bil-vers ternarju, jiġifieri ta' 3 sillabi? Hawnhekk insibu "Kollox bi tliet" (p.15).

Saq mas-suq
Naf min ġej
Sar ħin sew
Kiel ful nej.

#### Tifsir ta' kliem u riżorsi

Dan il-ktieb huwa mwaħħar b'vokabolarju għani. Għall-inqas minn dak li nisma' bl-użu tal-Ingliż u tat-teknoloġija, uliedna forsi ma jkunux daqshekk familjari miegħu, għalkemm hawn qed nitkellmu fuq kliem li huwa komuni fit-taħdit u mhux kliem arkajku. F'dan il-ktieb għalhekk insibu tifsir ta' xi kliem (p.54).

Ma semmejtx kollox, forsi qbiżt l-aktar ħaġa importanti, it-tbissima. Ma dħaltx ukoll wisq fl-aspett pedagoġiku, ħlief li minħabba li dan huwa l-qasam tiegħi ma stajtx nevita milli nsemmi xi ftit temi li rajthom evidenti. Il-qarrejja tagħna huma aktar dawk li qed jitħajru jixtru dan il-ktieb għaċ-ċkejknin tagħna fid-djar